



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

5.2.2014

B7-0180/2014

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-rikonoxximent tat-tikketta trasparenti għal prodotti tal-ikel

Cristiana Muscardini, Niccolò Rinaldi, Roberta Angelilli

RE\1018552MT.doc

PE529.505v01-00

MT

Magħeqda fid-diversità

MT

Proposta għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-rikonoxximent tat-tikketta trasparenti għal prodotti tal-ikel

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar l-ġhoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi¹,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- A. billi l-Artikolu 169 tat-TFUE jistabbilixxi li l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwxixi biex tiżgura livell ġholi ta' protezzjoni tal-konsumaturi permezz tal-instrumenti adottati skont l-Artikolu 114;
- B. billi l-moviment liberu ta' prodotti tal-ikel sikuri u sustanzjużi tirrappreżenta wieħed mill-prinċipji tas-suq uniku u jikkontribwxixi għall-benesseri tal-konsumaturi kif ukoll għall-interessi soċjali u ekonomiċi tagħhom;
- C. billi l-ħarsien tas-saħħa tal-konsumaturi u tad-dritt tagħhom għal informazzjoni għandhom rabta mill-qrib mal-informazzjoni mogħtija lilhom fuq il-prodotti tal-ikel li jikkunsmaw;
1. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal regoli ġoddha dwar it-tikketta trasparenti, li tkun telenka l-materja prima użata, il-metodu ta' kultivazzjoni jew produzzjoni u ukoll kwalunkwe tibdil jew taħlit;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi b'mod partikolari t-Tikketta Komprensiva u Trasparenti Pianesiana (Etichetta Integrativa Trasparente Pianesiana) bħala mudell ta' ttikkettar informativ ħafna;
 3. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-istudju dwar il-benefiċċji u l-ispiżza ekonomika fuq in-neozzji u l-konsumaturi fid-dawl tal-introduzzjoni tat-tikketta trasparenti.

¹ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

² ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9, u l-corrigendum f'ĠU L 12, 18.1.2007, p. 3.